

Brussell, 22 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12843/1/25
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0008 (COD)**

**CODEC 1264
SOC 611
STATIS 64**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fl-20 ta' Jannar 2023 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 338(1) TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Marzu 2023².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' April 2023³.
4. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Mejju 2025⁴.
5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2024⁵.

¹ 5588/23 + ADD 1 sa 7.

² ĠU C 123, 5.4.2023, p. 9–11.

³ ĠU C 228, 29.6.2023, p. 148–148.

⁴ 10505/25.

⁵ 11132/24.

6. Fit-28 ta' Mejju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar ir-Regolament imsemmi hawn fuq⁶, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
7. Fis-6 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew (EMPL) ikkonferma l-ftehim proviżorju u sussegwentement il-President tiegħu baġtet ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li indikat li, fit-tieni qari tiegħu, il-Parlament Ewropew għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi⁷.
8. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 9858/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 9858/25 ADD 1 REV 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Belġju, l-Italja u l-Finlandja.
9. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

⁶ 9153/25.

⁷ 12997/25.